MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PHILIP MANDUCA

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2003

Talba Numru. 291/2003

**Elmo Insurance Agency Limited bhala rappresentanti tas-socjeta’ estera Royal & Sun Alliance Insurance Plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha s-socjeta’ John’s Garage Ltd u l-istess John’s Garage Ltd**

**Vs**

**Noel Buttigieg**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta’ Lm467.95c (erba’ mija u sebgha u sittin lira Maltin u hamsa u disghin centezmu) rappresentanti danni kkagunati f’incident awtomobilistiku li gara Luqa fis-27 ta’ Settembru, 2001, meta waqt li l-konvenut kien qed isuq vettura numru GVA 025 habat mal-vettura numru BAB 725 propjeta’ tas-socjeta’ John’s Garage Ltd li kienet ipparkjata, ghal liema incident il-konvenut kien unikament

responsabbli minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti.

Oltre d-danni u l-ispejjez tal-kawza, l-konvenut ghandu jhallas l-ispejjez tal-ittra ufficjali (b'zewg notifiki) tat-18 ta' Novembru, 2002 u l-imghax legali b'effett mit-18 ta' Novembru, 2002 sad-data tal-effettiv pagament.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------